MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2013

Numru 566/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Josric Mifsud)**
**Vs**
**Joseph Debrincat**

**Illum 5 ta' Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 24071G] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli matul ix-xahar ta' Lulju 2008, u f'dawm l-ahhar tlett snin qabel din id-data, gewwa l-Munxar (Ghawdex) kif ukoll gewwa partijiet ohra ta' dawn il-Gzejjer

a) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Talli fis-sena 2005 u tlett snin qabel din id-ata kelu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel

skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sessegwentement emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Talli fis-sena 2003 gewwa Wied il-Ghancija, Limiti tax-Xlendi, ikkoltiva l-pjanta Cannabis u dan bis ksur ta’ l-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta cannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

e) Ukoll talli nhar is-26 ta’ Ottubru 2008 u snin ta’ qabel zamm lil xi ghasfur, ekmm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-regolamenti ta’ l-226 dwar il-konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi, bi ksur tad-disposizzjonijiet tar-regolamenti ta’ l-2006 dwar il-konservazzjoni ta’ l-Ghasafar Selvaggi meta dak l-ghasfur ma kienx gie dikjarat u registrat ma’ l-Awtorita` Kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u minghajr ma kellu il-permessi, jew certifikati mill-Awtorita` Kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur (regolament 4(1)(e) ta’ l-A.L. 79 ta’ l-2006 hekk kif emendat);

f) U talli nhar is-26 ta’ Otturbu, 2008 u snin ta’ qabel zamm ghasfur, kemm haj kemm mejjet jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew l-Iskeda III ta’ dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat Membru iehor fejn ikun jista` jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill

79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni ta' l-ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat Membru l-iehor u dan l-ghasfur kien migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 (regolament 4(1)(f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat);
g) U talli nhar is-26 ta' Ottubru 2008 u snin ta' qabel kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-Iskeda III li tinsab ma' r-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u li ma kienux gew registrati mas-Sezzjoni fiz-zmien stipulat fis-subregolament (6) ta' regolament 21 ta' l –A.L. 79 ta' l-2006 (regolament 21(5) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Novembru, 2012, li biha, wara li rat l-artikolu 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza, lliberatu mill-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kaptiolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdet lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma jobdix l-ordni mposta fuq jew jekk jikkommetti reat iehor matul dana l-perjodu taz-zmien.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-Dokuemnt JM4.

Il-Qorti ordnat illi kopja ta' dina s-sentenza tintbaghat lir-Direttur Probation Services skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta' Dicembru 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha, wara li tisma` l-provi u s-sottomissjonijiet tad-difiza, tirrifroma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn ma sabitux hati u lliberatu mill-ahhar sitt akkuzi, ma ssibux hati lanqas tal-ewwel akkuza u minnha tilliberah ukoll.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-

L-esponenti huwa tal-umili fehma illi r-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta' prova tali rikjesta fil-kamp penali, li twassal sal-grad ta' certezza morali, dwar is-sejbien ta' htija fih mill-ewwel Qorti tal-ewwel akkuza addebitata fil-konfront tieghu. Fil-kamp penali l-grad ta' prova rikjesta ried ikun wiehed aktar rigoruz minn dak ta' semplici bilanc ta' probabilita' f'kawza civili fejn l-allegazzjoni ma tkunx wahda ta' reat. Mis-sift ufficjali tal-Pulizija li ghamlu t-tfittxija, u cioe' PS676 Edelon Spiteri, PS771, PC883, PC330, PC138 u PC1384, tnejn minnhom baqghu ma tressqux jixhdu, cioe' PS771 u PC330; tlieta minn dawk li xehedu, cioe' PS676, u zewg ufficjali ohra PC138 u PC1384 baqghu ma identifikawx u lanqas ma kkonfermaw l-esibiti dokument JM4 jekk humiex l-istess affarijiet li xehedu li kienu gew elevati; u filwaqt li PC883 ikkonferma l-esibiti dokument JM4 ma jirrizulta minn imkien mix-xhieda tieghu x'kienu u f'hiex kienu jikkonsistu dawk l-oggetti jew l-affarijiet li gew elevati, jekk rahomx jigu elevati u minn fejn l-esibiti dokument JM4 kienu gew proprjament elevati u minn min kienu gew elevati, u x'kien il-mezz ta' preservazzjoni tal-oggetti elevati u kif wasal sabiex identifika l-esibiti aktar minn sena wara bhala l-istess oggetti li kienu gew elevati f'Ottubru 2008, meta dan xehed f'Dicembru 2009 u l-allegat kaz kien sehh f'Ottubru 2008. Ma jirrizultax lanqas mix-xhieda ta' dan PC883 f'liema post kien prezenti miz-zewg postijiet li fihom saret it-tfittxija, jekk hux fil-kamra jew fid-dar jew fit-tnejn. Dan ma jirrizulta xejn car mid-depozizzjoni ta' PC883. Fil-kamp penali mhemmx lok ghas-suppozizzjonijiet jew il-prezunzjonijiet u biex tinstab htija irid ikun hemm dik ic-certezza morali li bhala prova hija rikjesta sine qua non f'dan il-kamp partikolari tal-gustizzja. Dwar dak li dan l-ufficjal xehed fir-rigward tat-tfittxijiet li saru ghand Mario Xuereb huwa kien aktar dettaljat u specifiku filwaqt li fir-rigward tal-

esponenti huwa kien xott, term neboluz u titubanti. Droga fil-pussess tal-esponenti ma nstabitx u dan sa kkonfermah l-Ispettur Josric Mifsud, izda gew elevati biss loqom ta' xi sigaretti kunsmati li kienu merfugha f'borza li kien baqghalhom fihom tracci zghar hafna ta sustanza li tinsab fil-pjanta tal-cannabis, li meta wiehed jelimina l-istqarrija tal-imputat, ma jsib ebda prova ohra li tista' torbot lill-imputat ma' l-oggetti relattivi esibiti, u jekk gie pruvat li jezisti dan in-ness, datum sed non concessum, ma ngabet ebda prova ohra li l-Qorti kellha tasal biex issib htija fl-imputat taht l-ewwel akkuza u mhux taht ir-raba' akkuza li minnha gie lliberat, billi ma ngabet ebda prova jekk il-loqom tas-sigaretti kunsmati kienu jirrizalu ghal perjodu tal-2008 taht l-ewwel akkuza jew ghal perjodu tal-2003 taht ir-raba' akkuza. L-esponenti josserva bir-rispett li l-prosekuzzjoni stess tidher li strahet sew jekk mhux addirittura kompletament fuq il-verzjoni tieghu tal-istqarrija. Fil-fatt kienet l-ewwel Qorti stess li meta giet biex tezamina l-provi esprimiet ruhha fid-dubbju b'mod obiter li 'tista' twassal ghas-sejbien ta' htija dwar il-pussess tal-cannabis' minghajr ma esprimiet dik il-konvinzjoni fiha li quddiemha kellha provi bizzejjed li kellhom iwassluha sal-grad ta' certezza morali ta' sejbien ta' htija fuq l-ewwel akkuza u fuq ebda akkuza ohra migjuba kontra l-imputat. L-oggetti elevati lanqas ma kienu prova per se li kienu jappartjenu lill-esponenti meta mill-post minn fejn gew elevati ma jidholx biss l-imputat, u kellha tkun il-prosekuzzjoni li ggib bhala prova n-ness bejn l-oggetti elevati u l-imputat li akkuzatu bil-pussess taghhom, u n-ness bejn l-imputat u l-abbuz tad-droga. Il-provi fl-atti huma pjuttost laxki u ma jistax jinghad li huma sodi bizzejjed biex kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti biex sal-grad ta' lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni kellhom iwasslu , lill-ewwel Qorti ghas-sejbien ta' htija fl-esponenti fuq l-ewwel akkuza, u minn din l-akkuza kellu wkoll u ghandu jigi llilberat.

Ikkunsidrat.

Illi l-imputat jinsab akkzat b'zewg tipi ta' reati dawk konnessi mal-pussess tad-droga kokajina u tal-pjanta

kannabis kif ukoll ikkultivar ta’ l-istess u reat iehor dwar iz-zamma llegali ta’ ghasafar ibbalzmati u protetti mill-Ligi.

Irrizulta illi fis-26 ta’ Ottubru, 2008 l-appellant gie mwaqqaf mill-pulizija wara li kien instab fi triq fil-kumpanija ta’ certa Mario Xuereb. Peress illi kemm l-appellant kif ukoll Xuereb agixxew b’mod suspettuz, is-surgent li ntercettahom PS 1424 Mario Sciberras talab l-assistenza ta’ pulizija ohra u ftit wara waslu s-surgent 1346 u PC 1005 li ghamlu tfittxija fuq dawn iz-zewg persuni izda, ma nstab xejn illegali ghajr ghal flick knife li nstabet fil-vettura ta’ Mario Xuereb. Meta s-surgent 1346 kellimhom separatament u talabhom jispjegaw ir-raguni ‘l ghala kienu jinstabu fuq il-post huma wegbuh illi kienu qed jifthemu biex isir ix-xoghol ta’ xi tikhil fil-fond Pantu House, Triq ix-Xuxa, Kercem u kienu ltaqghu fuq il-post biex jaraw dan ix-xoghol izda, ma qablux fil-verzjoni taghhom dwar jekk l-appellant kienx dahal fil-fond u quindi huma gew arrestati u mehuda l-ghassa tar-Rabat ghal aktar stharrig. Minn hawn skattaw zewg investigazzjonijiet wahda fuq il-persuna ta’ l-appellant u l-ohra fuq il-persuna ta’ Mario Xuereb, saret tfittxija fir-residenza ta’ l-appellant u minn kamra fir-residenza tieghu giet elevata arma tan-nar senter minghar cover, l-appellant gab cover tas-senter minn kamra ohra. Sussegwentement kienet saret tfittxija fil-propjeta ohra ta’ l-imputat li tmiss mar-residenza tieghu gewwa l-Munxar u minn hemmhekk gew elevati diversi oggetti relatati ma l-abbuz tad-droga kif ukoll numru sostanzjali ta’ tajr ibbalzmat b’kollox mija u tnax (112) il-maggoranza taghhom ghasafar protetti. Dawn gew elevati. B’sentenza moghtija fit-22 ta’ Novembru, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta’ l-ewwel akkuza u lliberatu mill-akkuzi l-ohra kollha u b’applikazzjoni ta’ l-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghdet lill-appellant taht ordni ta’ probation ghal zmien sena mil-lum. Il-Qorti tal-Magistrati bbazat il-liberatorja ta’ l-ahhar sitt (6) akkuzi fuq il-fatt illi ma haditx konjizzjoni ta’ l-istqarrija peress illi dehrilha illi din l-istqarrija ttiehdet b’mod illi jilledu d-drittijiet fundamentali ta’ l-appellant.

Ikkunsidrat.

Huwa minnu illi meta l-appellant jirrilaxxja l-istqarrija (27 ta’ Ottubru, 2008, fol 19) l-provedimenti ta’ l-Avviz Legali 35/2010 li gew fis-sehh fl-10 ta’ Frar, 2010 ma kienux ghadhom in vigore u l-appellant fi zmien ta’ l-arrest tieghu ma giex moghti d-dritt li jikkonsulta ruhu ma avukat fil-bidu nett ta’ l-arrest u fuq l-iskorta decizjonijiet Kostituzzjonali principalment “Il-Pulizija vs Alvin Privitera”, “Il-Pulizija vs Mark Lombardi” u “Il-Pulizija vs Esron Pullicino”, l-ewwel Qorti segwiet id-dettami ta’ dawn is-Sentenzi u la darba rrizulta illi l-appellant ma giex moghoti d-dritt ta’ assistenza legali, quindi kellha tiskarta l-istqarrija u ghaddit biex tiggudika lill-appellant fuq dan il-bazi fejn, darba twarbet l-istqarrija, l-ewwel Qorti dehrilha illi ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex torbot lill-appellant ma l-ahhar sitt (6) akkuzi.

Illum pero’ s-sitwazzjoni hija differenti u, sentenza moghtija fit-8 ta’ Ottubru, 2012 u cioe’ qabel ma nghatat is-Sentenza mill-Qorti tal-Magistrati, l-Qorti ta’ l-Appell Konstituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet “Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali” warbet it-taghlim moghti bis-Sentenzi fuq imsemmija u stabbiliet principju iehor li mhux kull nuqqas ta’ assistenza legali fil-bidu ta’ l-arrest ta’ persuna ghandu awtomatikament iwassal ghall-isfilz jew l-annulament ta’ l-istqarrija li jkun irrilaxxja lill-pulizija. Il-Qorti qalet, “*Li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ta’ smieh xieraq u hekk inholqux il-periklu li l-attur instab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur.*” Fil-kawza “John Attard vs l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali” moghtija mill-Qorti Civili Prim Awla Sede Kostituzzjonali fil-31 ta’ Ottubru, 2012 il-Qorti ziedet, “*Ebda Qorti f’ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta’ assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f’lezjoni ta’ dritt ghal smieh xieraq.*” Sabiex tistabilixxi l-ezistenza o meno ta’ lezjoni ta’ dritt ghal smiegh xieraq il-process fil-konfront ta’ l-appellanti jrid jigi mifli fil-kompletezza tieghu u fic-cirkostanzi kollha ta’ l-istess appelant. Fil-kaz inezami rrizulta illi l-appellant irrilaxxja stqarrija mal-pulizija fis-27 ta’ Ottubru, 2008, (fol 19) meta kien ragel

matur ta' sebgha u tletin (37) sena, nghata t-twissija skont il-Ligi fis-sens illi ma kienx obligat illi jwiegeb ghad-domandi tal-pulizija u fil-kaz illi jkun ghazel li jezercita d-dritt tas-silenzju dan ma kien iwassal ghal ebda inferenza dwar il-htija o meno tieghu. Lanqas ma rrizulta li l-pulizija uzaw xi theddid, intimidazzjoni, promessi jew suggerimenti ta' xi favuri biex ottjenew l-istqarrija minn ghand l-appellant. L-appellant fehem sew id-drittijiet tieghu u volontarjament wiegeb ghad-domandi li sarulu u anke ta nformazzjoni oltre minn dak rikjest. L-appellant lanqas ma kien xi persuna vurnerabli illi seta' kien impressjonat jew intimidat bil-prezenza tal-pulizija jaghmlulu d-domandi. Kif ga inghad l-eta' ta' l-appellant kienet ta' konfort ghall-investigauri illi dana kien qed jifhem x'kien qed jinghad inkluz id-drittijit illi kellu.

Din il-Qorti tirrealizza l-periklu illi toqghod biss fuq l-istqarrija meta tiddeciedi dwar il-htija bla ma tqis ukoll il-provi l-ohra, pero' meta ma hemmx lezjonijiet ta' dritt ghal smiegh xieraq, lanqas ma ghandek tiskarta l-istqarrija u toqghod biss fuq il-provi l-ohra, bilanc irid jinzamm u darba jirrizulta illi l-istqarrija mhijiex mittifsa min xi difett allura dina ghandha tigi kkunsidrata flimkien mal-provi l-ohra illi jkunu resqu l-pulizija. Fil-fatt f'kawza deciza fit-18 ta' Gunju 2013 fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Paul Cutajar" il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet *"dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata l'ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn "Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali" u "Ganni Attard vs Avukat Generali") fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita` ta' l-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta` facilment ikun impressjonat jew influenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-Pulizija".* F'dan il-kaz il-Qorti hija sodisfatta illi n-nuqqas ta' l-assistenza legali fil-bidu nett ta' l-arrest ta' l-appellant ma jwassalx ghal ksur tal-jedd ghal smieh xieraq u ma hemm l-ebda periklu illi l-appellant seta' jinstab hati meta me kellux jinstab hati, ghalhekk l-istqarrija hija valida u kellha tigi kkunsidrata

mill-Qorti.  L-ewwel Qorti m'ghamlitx dan u bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha fuq premessa illi kienet zbaljata.

Pero`, bir-ragun sabet htija fuq l-ewwel akkuza u l-appell hu limitat ghar-riforma ta' din l-akkuza biss.  Din il-Qorti ma tistax tiehu inizjattiva u tmur olre t-talba konluzjonali tar-rikors.  Ma saret ebda talba ghar-riforma ta' l-ahhar sitt akkuzi u dawn iridu jibqghu kif inhuma.  Ghalhekk, l-ewwel Qorti, ghal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuza, fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha fejn allura mhux il-kaz li tigi disturbata d-deskrizzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------